ĦAŻ-ŻABBAR
Citta` Hompesch

**Minuti tal-29 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's**

Id-disgħa u għoxrin laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar it-Tlieta, 24 ta' Lulju, 2012. Il-laqgħa bdiet fis-6.20 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu ċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, l-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Luciano Farrugia, u s-Sur Mario Bartolo.

Is-Sur Joe Agius kien skużat.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-28 laqgħa ġew unanimament approvati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Farrugia staqsa jekk kienitx intbgħatet l-ittra lill-*Trasport Malta* dwar meta ser tiġi rranġanta l-entratura perikoluza ta' Triq l-Għakrux.

Is-Sur Farrugia staqsa ukoll jekk kienitx intbgħatet l-ittra lill-*Trasport Malta* dwar meta Triq Patri Feliċjan Grech kienet ser tingħata t-tarmak kif kien ġie mwiegħed mill-Gvern Ċentrali.

Item 4 – Korrisponenza

Inqara stedina għall-attivita' bit-tema *That All May Be One* li ser issir mill-Parroċċa tal-Qala nhar l-Erbgħa, 1 ta' Awwissu 2012 fil-Qala Għawdex.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kienu ġew sottomessi zewġ offerti għal xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Marzebb (ZLC 4/2012). L-offerti mitfugħa kienu

mingħand il-Kumpanija *Schembri Infrastrucures Limited* għall-prezz ta' €92,321.19 u l-Kumpanija *Asfaltar Construction Limited* għall-prezz ta' €92,976.60.

Inqara r-rapport li tħejja mill-*Contract Manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerti li ġew sottomessi. Il-Perit informa lill-Kunsill li *Schembri Infrastrucures Limited* naqas milli jissottometti d-dokumenti kollha meħtieġa kif mitlub fid-dokument tal-offerti.

Is-Sur Bartolo qal li l-prezz kien ferm għola milli kien ġie stmat mil-perit u għalhekk ppropona li tittieħed deċizjoni fil-laqgħa li jmiss wara li l-perit iħejji rapport aktar dettaljat ta' kif il-kuntratturi qed jitolbu dan l-ammont biex issir ix-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq Marzebb. Is-Sur Farrugia ssekonda l-proposta tas-Sur Bartolo u l-Kumitat qabel unanimament li tittieħed deċizjoni fil-laqgħa li jmiss.

<u>Item 6 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Bartolo staqsa jekk il-Kumitat kienx irċieva risposta dwar l-iskema biex jiġu rranġati l-*playing fields.*

Is-Sur Bartolo staqsa wkoll meta kien ser joħroġ il-fuljett Citta Hompesch. Id-Deputat segretarju Eżekuttiv qalet li dan il-fuljett kien ser joħrog fl-ewwel ġimgħat ta' Settembru.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li jerġa jinqata l-qasab li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li jittella ċint fi Triq Farfett tal-Fejġel.

Is-Sinjura Debattista talbet li tintbgħat ittra lir-residenti fi Triq iz-Zagħrun ma' Triq l-Għakrux biex ma jinħarigx l-iskart barra.

Is-Sur Bartolo ssuġġerixxa li tiġi organizzata attivita' bit-tema Lejla Maltija.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-30 laqgħa li saret nhar it-Tlieta, 28 ta' Awwissu 2012.

Maria Elena Debattista
Chairperson